**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 23/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Sakariye Abdirahman Hassan**
**(ID 113377(A))**

**Illum, 3 ta' Mejju 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Sakariye Abdirahman Hassan ta' 22 sena, iben Abdirahman u Deka nee` Mohammed, imwieled Somalia fl-1 ta' Jannar 1995, residenti f'indirizz mhux maghruf, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 113377(A) u b'numru tal-Pulizija 13J037;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-25 ta' Marzu 2017 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data:

1) Ipproduca, biegh jew xort'ohra traffika r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) U aktar talli kkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Tqis illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-imputat gie addebitat bir-reat ta' traffikar tar-raza tal-*cannabis* stante illi fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal illi l-hsieb tieghu kien illi huwa jaqsam id-droga mat-tfajla tieghu. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ossia dik dwar il-pussess aggravat tar-raza tal-*cannabis*, skont il-Prosekuzzjoni, din tmur oltre *sharing*,

ghaliex temmen li din kienet intiza ghall-ispacc. Effettivament kien fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni illi l-imputat irregistra l-ammissjoni tieghu f'dawn il-proceduri.

Mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, jirrizulta illi l-imputat ammetta illi r-raza misjuba kienet tieghu, li din kellha piz ta' cirka 6.333 grammi u illi din kienet mohbija f'*railing* gewwa Triq Dragonara, San Giljan. Jghid illi huwa kien qed jistenna lit-tfajla tieghu, li ried ipejjep ir-raza mat-tfajla tieghu u li ghalhekk kellu din ir-raza fil-pussess tieghu. Jghid ukoll illi huwa jpejjep ir-raza u skont hu, kien ghalhekk illi kellu *lighter* u l-karta tar-rizla, sabiex ipejjep. Jghid ukoll illi huwa jixtri r-raza u jpejjep mat-tfajla tieghu u li ma jitlobhiex flus taghha. Jghid ukoll illi qatt ma biegh raza tal-*cannabis*. Isostni illi huwa ma kellux intenzjoni li jbiegh ir-raza, ghaliex kien ser ipejjipha u li jpejjep hafna u jghid ukoll illi hbieha fil-post fejn instabet ghaliex kien jaf li hija llegali u li jekk din tinstab fil-pussess tieghu, huwa jigi arrestat.

Issa f'dan ir-rigward il-Qorti tqis illi apparti li l-imputat ammetta ghall-imputazzjoni dwar ir-reat ta' pussess aggravat – li kif iddikjarat il-Prosekuzzjoni ma kinitx limitata ghar-reat ta' *sharing*, kuntrarjament ghall-impressjoni li jipprova jaghti l-imputat fl-istqarrija tieghu – effettivament il-Qorti temmen illi din is-sustanza kienet intiza ghall-ispacc lil terzi u mhux ghall-uzu esklussiv tal-imputat. Dan qed jinghad fid-dawl tal-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat – cirka 7 bicciet f'piz ta' 6.333 grammi – il-mod kif din kienet maqsuma fi stikek u l-fatt li din kienet mohbija gewwa *railing* fi Triq Dragonara ossia post rinomat ghall-ispacc tad-droga. Ghalhekk il-Qorti certament illi ma temminx il-verzjoni tal-imputat li din kienet intiza esklussivament ghall-uzu tieghu jew ghall-uzu tieghu u tat-tfajla tieghu. Biss fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri, il-Qorti tqis ukoll illi l-imputat kien huwa stess jabbuza mir-raza tal-*cannabis* (u effettivament fil-pussess tieghu instabet ukoll karta tar-rizla) u li dan kien jaqsam ir-raza tieghu mat-tfajla tieghu, kif jghid fl-istqarrija rilaxxjata minnu. Ghaldaqstant, l-imputat qed jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni ta' traffikar tar-raza tal-*cannabis* izda fil-parametri ta' *sharing*, kif ukoll tal-bqija tal-imputazzjonijiet, b'dan illi t-tielet imputazzjoni qed titqies bhala kompriza u involuta fit-tieni imputazzjoni.

Fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, in vista tal-addebitu tad-distanza, il-piena qeghda tizdied bi grad ai termini tal-proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni illi l-ammissjoni tal-imputat f’dawn il-proceduri kienet wahda bikrija u li l-fedina penali tal-imputat hija wahda netta. Tqis ukoll mill-banda l-ohra, in-natura u s-serjeta` tal-imputazzjonijiet odjerni u l-ammont ta’ droga misjuba fil-pussess tal-imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii), it-tieni proviso tal-Artikolu 22(2) u l-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(b), (f) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat hati tal- imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta’ tnax-il xahar (12) prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li taghhom qed jinstab hati permezz ta’ din is-sentenza - u piena ta’ multa ta’ elf Euro (€1,000).

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante li ma gewx mahtura esperti f’dawn il-proceduri.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phone* u tas-somma ta’ disghin Euro (€90), esebiti bhala Dokument FT7, favur il-hati.

Tordna d-distruzzjoni ta’ Dokument FT8 u tal-karta tar-Rizla formanti parti minn Dokument FT7, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat